GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR251779 | 10.10.2025 | 6 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***"Il-ġlieda kontra l-ġuħ trid issir dmir morali u leġiżlattiv – mhux kelma ta' mħabba mingħajr azzjoni"- L-Ispeaker Anġlu Farrugia***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia, fetaħ sessjoni plenarja speċjali fil-Parlament f'okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ikel, fejn wissa li l-ġuħ jibqa' waħda mill-akbar kontradizzjonijiet tal-era moderna. Huwa enfasizza li minkejja l-progress teknoloġiku u xjentifiku li għamlet id-dinja, il-ġuħ u l-ħela tal-ikel jibqgħu jirrappreżentaw nuqqas globali ta' solidarjetà u ġustizzja, fejn miljuni ta' tunnellati ta' ikel jintremew kull sena filwaqt li miljuni ta' bnedmin oħra għadhom jistennew platt sempliċi biex jgħixu.

L-Ispeaker qal li l-problema tal-ġuħ mhijiex riżultat tan-natura iżda frott in-nuqqas ta' għaqal u ta' rieda politika biex jinqasam dak li għandna. Huwa semma sitwazzjonijiet bħal dawk fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Gaza, is-Saħel u pajjiżi oħra fejn il-ġuħ mhux biss derivat minn nixfiet jew għargħar iżda minn kunflitti armati u ostakli għall-għajnuna umanitarja. Huwa żied li anke f'soċjetajiet sinjuri, il-ħela tal-ikel saret parti mill-kumdità ta' kuljum u dan juri kemm in-nuqqas u l-abbundanza huma żewġt uċuħ tal-istess problema.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker saħaq fuq il-ħtieġa li l-innovazzjoni u t-teknoloġija jintużaw b'sens ta' ġustizzja u solidarjetà. Huwa semma li hemm diversi sistemi bħal dawk li jiġbru ilma mill-arja, sistemi polimeriċi li jitħalltu mal-ħamrija li jżommu l-umdità fl-istess-ħamrija u sistemi ta' użu mill-ġdid ta' ilma trattat bħall-"New Water", bħala eżempji ta' soluzzjonijiet prattiċi li għandhom isiru disponibbli għall-umanità kollha. Skontu, Malta għandha l-esperjenza u l-għarfien biex tkun minn ta' quddiem f'din il-bidla, speċjalment fil-qasam tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-agrikoltura fil-Mediterran u fl-Afrika.

L-Ispeaker faħħar l-isforzi tal-Gvern ta' Malta biex jindirizza l-ħela tal-ikel permezz ta' strateġiji bħal-Long-Term Waste Management Plan 2021–2030 u l-Malta Strategy for Resilient Food Systems. Huwa rrikonoxxa l-ħidma tal-Malta Food Agency, l-inizjattiva Żomm Tarmix u l-pjattaforma diġitali li tiffaċilita t-tqasim ta' ikel żejjed b'mod sigur. Barra minn hekk, l-ispeaker laqa' b'sodisfazzjon l-abbozz ta' liġi dwar il-ħela tal-ikel imressaq minn Ivan Bartolo, u qal li dan jista' jkun pass importanti lejn qafas leġiżlattiv aktar komprensiv, ibbażat fuq koperazzjoni bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni.

Fl-għeluq tiegħu, l-Ispeaker Anġlu Farrugia qal li l-ġlieda kontra l-ġuħ trid issir dmir morali u legali, fejn il-Parlamenti jkunu l-forza li tgħaqqad il-kelma mal-fatt u timpenja lill-gvernijiet biex iwettqu l-wegħdiet tagħhom. Huwa saħaq li l-ikel għandu jitqies bħala dritt legali u mhux privileġġ tal-ftit, u li l-veru test tal-umanità jitkejjel mhux b'kemm nitkellmu dwar il-ġuħ, iżda b'kemm innaqqsuh.

Il-konferenza kienet indirizzata wkoll mill-Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Ambjent Rebekah Borg, mill-Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Agrikoltura, is-Sajd u t-Trasport Toni Bezzina, mis-Segretarju

Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali Alicia Bugeja Said, mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo, kif ukoll diversi kelliema lokali u barranin.